# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru:  544/01mm**

**Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Maurice Sultana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tmienja u erbghin liri Maltin u centezmu

(Lm848.01) ammont dovut fuq konsenji ta’ hwejjeg tal-ikel li baqghu ma thallsux nonostante sejha ghall-hlas maghmula debitament.

Bl-ispejjez inkluzi spejjez legali fl-ammont ta’ Lm33 kontra kontra l-konvenut inkluz spejjez ta’ Mandat kawtelatorju mahrug fid-data ta’ l-Avviz kontra l-konvenut u imghax mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta’ Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.